Fuljett ta' kull xahar

Minus One
Il-Grupp Malti li jagħti sapport lir-Romol
info@minusone.eu

Volum 26
Ħarġa 10
Ottubru 2024

**Skond il-fehma tiegħi**, hemm bżonn li bħala grupp intejbu s-sapport li nagħtu lil xulxin u nwaqqfu darba għal dejjem ċertu nuqqas ta' rispett, anke lejn min imexxi l-grupp. Il-paroli fil-vojt u s-sapport ma jmorrux tajjeb flimkien. Huma bħan-nar u l-ilma. Kelma żejda taf titfa' lil dak li jkun f'aktar niket. Ħadd ma jkun jaf persuna minn xiex tkun għaddejja. Kulħadd għandu l-problemi tiegħu li jtaqqluh, liema problemi, ħafna drabi ma ġibnihomx aħna b'idejna. Problemi bħas-solidutni, saħħa, mard, mistħija jew id-dehra huma fost l-aktar komuni għalina r-romol iżda mhux biss. Għalhekk dejjem nisħaq jien li wieħed għandu dejjem jaħseb qabel jitkellem jew jikteb. Mhux sewwa li ngħaddu ċerti rimarki fuq dak li jkun. Dan mhux is-sapport li nemmen fih jien.

Inkunu onesti, hawn min mis-sapport ma jinteressah xejn. Żero. L-importanti huwa li jkollu fejn imur nhar ta' Ġimgħa, dejjem jekk jogħġbu dak ippreparat. Jekk le, immorru xi mkien ieħor. Għalija mhux problema. Kulħadd liberu li jmur fejn jixtieq. Il-paroli waqt li jkollna mistieden jitkellem idejjaq lil kulħadd. Ma naħsibx li hija edukazzjoni li kelliem, li wara ġimgħa xogħol jiġi jkellimna ikun interrot b'ċerti kliem bejnietna. Il-kumitat ikun ilu jaħdem ħafna sabiex insibu kelliema interessanti biex jiġu jkellmuna. Ma nixtieqx noqgħod inwaqqaf lil xi ħadd milli jitkellem waqt dawn it-tip ta' laqgħat. Il-mobile idoqq ukoll. Min irid jitkellem jista' jitkellem wara l-laqgħa waqt li nkunu nieħdu l-kafè u xi biċċa kejk. **Sar idejjaqni kollox! Hekk jgħiduli. Fil-verità, jekk tħalli kollox għaddej int ok, jekk le, għandek bżonn l-għajnuna għax sirt nervuż.**

Issib min iħobb jitkellem u jipprova jdaħħaq billi jbaxxi lil ħaddieħor. Dawn jiggosipjaw dwar nies oħra b'mod ripetittiv. Ikun passatemp tagħhom li jippruvaw idaħħqu b'ħaddieħor. Din hija mġiba manipulattiva ħafna biex tikseb xi like, tbissima jew xi ħaddieħor li taparsi jiggustak. Dawn in-nies x'aktarx ikollhom stima baxxa ħafna tagħhom infushom. Nuqqas ta' viżjoni kostruttiva u jkollom bżonn ħafna għajnuna huma stess. Min jidħaq b'ħaddieħor ikun jaf li la qalu fuq ħaddieħor se jasal il-mument li meta ma jkunx preżenti se jgħidu jew jidħqu bih wkoll.

*Ikompli f'paġna 2*

OTTUBRU 2024

**L-4 ta' Ottubru 2024-**Welcome back Get together ġewwa Project House fit-20.00. Ikollna taħdita qasira bejn il-membri u wara jkollna party żgħir.

**Il-11 ta'Ottubru 2024-**Project House fit-20.00-Serata ma' Connie u Silvio.

**It–18 ta Ottubru 2024-**Taħdita mill-Psikologu Dr John Alexander Agius. Wara dak kollu li għaddejna u għadna għaddejjin minnu u dak li qed nisimgħu. Din se tkun taħdita interssanti. Project House fit-20.00

**Il-25 ta' Ottubru 2024-**Birthdays Celebration ġewwa Xirokk Restaurant, M'Xlokk fit- 20.00. **Prezz 26€-** Booking permezz ta' Revolut għand Maureen Tarpey fuq 79895387. **Għidulna x'se tieklu mal-booking. Xorb mhux inkluż.**

**Menu-Starters-** Penne Bolognaise jew Chicken salad jew Aljotta.

**Main–** Chicken Breast with cream and mushroom jew grilled fish steak jew BBQ Ribs **Served with** Vegetables/ potatoes/ fries / salad . **Deserta** Carrot cake.

Ejja ħa nkomplu ngħinu lil xulxin. Naf li hawn min dejjem lest li joffri daqqa t'id. Lil dawn in-nies nirringrazzjahom. Huma s-sapport li nixtieq jien. Nirringrazzjakom ukoll talli dejjem tattendu għal dak li jorganizza l-kumitat. Ejja nitħalltu dejjem aktar. Ejja nkabbru ċ-ċirku tal-ħbieb tagħna. Ejja nkellmu lil kulħadd. Ejja nitbissmu lil kulħadd. Ejja ngħidu bonġu u kelma ta' kuraġġ lil kulħadd. Hawn min jagħti ħafna ħin għal-grupp u dan jien napprezzah ħafna. Huwa s-sodisfazzjon tagħna li narawkom tidħqu u tieħdu pjaċir. **Ma jfissirx li għax aħna romol, m'għandniex nieħdu gost, m'għandniex nidħqu.** Jekk ikun hemm bżonn li nisimgħu il-weġgħat ta' xi ħadd huwa d-dover tagħna li nisimgħuhom mingħajr ma niġġudikaw.

**Kuraġġ ħbieb. Dejjem naħsbu qabel nitkellmu jew niktbu.**

***Victor***

Naf li hawn min meta jkun ma' taċ-ċirku ristrett tiegħu, iħobb jgħid u jgħaddi rimarki fuq in-nies li ma jkunux preżenti. Ġieli jkun hemm min ikellimni li dejquh xi kummenti li jkun sema'. Jien imdorri naħdem fuq il-problema u mhux fuq l-effett, fil-kwiet u mingħajr ma ndoqq trombi. Issib ukoll min ma jkollux kuraġġ jidher hu u jinqeda b'ħaddieħor sabiex jipprova jwassal messaġġ speċjalment lili. Dan ikun godard u xejn aktar. **Jien nikteb b'mod maskili. Naturalment dan nagħmlu minħabba nuqqas ta' spazju, però dak li nikteb, niktbu għal kulħadd, irġiel u nisa.** Miegħi tistgħu titkellmu mingħajr ebdà biża' ta' xejn. Naf li ma tantx jien sabiħ daqs Tom Cruise, imma naf ukoll li ma nbeżżax nies.

Il-grupp tagħna għandu ħafna u ħafna tajjeb u mal-milja tas-snin serva biex numru kbir ta' romol kif ngħidu bil-Malti reġgħu sabu saqajhom. Grazzi għal Albert li ħoloq u mexxa l-grupp fil-bidu u lil Maria li mexxiet il-grupp qabli. Grazzi wkoll għall-kumitati ta' qabel u lil dak preżenti. Dan hu s-sabiħ ta' grupp bħal tagħna. Il-grupp kiber ħafna u kollox jindika li se nkomplu nikbru. Il-ħajja hija dik li hi fejn diżgrazzjatament, qed nisimgħu b'ħafna mwiet anke ta' nies żgħar fl'età. Dan jagħmel il-grupp tagħna wieħed speċjali jew uniku meta jingħaqdu magħna dawn ir-romol. Dan ukoll iżid ir-responsabbiltà tagħna lejn dawn in-nies għax aħna nafu xi tfisser meta tormol. Dan it-tajjeb irridu nibżgħu għalih u għalhekk mhux se nippermetti aktar li minħabba rimarki li ngħaddu jkun hemm min ma jattendix aktar il-grupp. Qed inkun ċar biex niftiehem.

Biex kulħadd ikun avżat. Min irid idaħħaq jista' jinkiteb ma' xi kumpanija teatrali u minn fuq il-palk, idaħħaq kemm irid. Mill-banda l-oħra ejja ma niħdux għalina b'dak kollu li nisimgħu. Naħsbu li kulħadd qed jgħid fuqna jew li qed iħares lejna. Individwu mhuwiex il-grupp. Il-linja tal-grupp hija s-sapport. Irridu napprezzaw il-karattru ta' kulħadd. Jekk ikun hemm bżonn, sakemm inkun għadni mmexxi jien, mhux problema jekk inwaqqaf lil xi ħadd milli jattendi l-grupp. Għamiltu qabel u nerġa' nagħmlu issa. L-ewwel il-grupp.

Naf li hawn min lanqas jirrealizza li b'dak li jgħid jista' jweġġa' li xi ħadd. B'hekk dejjem nippriedka l-paċenzja jien. Anzi xi kultant naħseb li ngħidu ċerti kummenti biex nippruvaw innissu tbissima fuq fomm dak li jkun. Aħna tal-Minus One onħobbu nagħtu s-sapport lir-romol għax aħna romol li ġarrabna.

_Ikompli fl'aħħar paġna_

***L-Ewwel Imħabba***

Rajthom deħlin bik fil-*ward* fejn kont *reliever nurse.* Ma ndunajtx li kont int mill-ewwel, għax kont b'għajnejk magħluqin, rieqed, u mgħotti sa spallejk bil-liżar. Ersaqt biex nara l-*file*, u waqaft zoptu. Rajt ismek, ħarist lejk, u bil-għaġla qrajt ir-rapport, għal darba, darbtejn. Erġajt bdejt nieħu n-nifs għax ma kien jidher xejn daqshekk gravi li ftit mistrieħ sewwa ma jfejjaqx. Kollox kawża ta' *stress,* nuqqas ta' rqad u sigaretti! Issa stajt inħares lejk sew. Tbissimt waħdi, kif qatt stajt ninsa dik it-troffa xagħar, li tant kont inħobb nonfoħlok minn fuq dawk għajnejk kannella sbieħ, lewn il-għasel! Għadda sew iż-żmien, u llum xagħarna t-tnejn imżewwaq bl-abjad.

Iltqajna s-*sixth form*, jien kelli x-xjenza u inti kellek l-arti. Kellna wkoll xi lezzjonijiet komuni. Jien ridt nidħol kors għal *nurse* u inti tipprepara għall-kors tal-liġi. L-ewwel ġurnata inzertajna poġġejna ħdejn xulxin, u dak l-imbierek *cupid* laqgħat sewwa. Fil-*break* u wara l-lezzjonijiet konna ġirja lejn il-Barrakka t'isfel u hemm nintilfu f'xulxin, u addio kotba. Ħabbejna lil xulxin f'kollox u qalbna kienet saret tħabbat flimkien.

Sentejn malajr għaddew, u t-tnejn li aħna morna tajjeb fl-eżamijiet. Int mort l-università u jien in-*Nursing School.* Jien kelli familja sempliċi, missieri jaħdem ir-raba u inti kellek post merfugħ għalik, jistenniek fid-ditta ta' avukati tal-familja tiegħek. Familtek ma ħadux pjacir bija u jien qatt ma ħassejtni milqugħa u komda magħhom. Bejn l-istudju u d-differenza fiċ-ċirkostanzi tagħna, ma kellna l-ebda ċans. Il-firda kiefra, u n-nuqqas tiegħek qasamli qalbi. Jgħidu li ż-żmien itaffi. Ma kinitx faċli għalija, imma ma ridtx li s-saġrifiċċju li kienu qed jagħmlu l-familja tiegħi jisfa fix-xejn, għalhekk intfajt b'ruħi u ġismi (u b'qalbi maqsuma) fl-istudju.

Jien iggradwajt, u biż-żmien sibt imħabba oħra u żżewwiġt. Jien u żewġi rabbejna żewġt ibniet b'għożża, u llum, għalkemm żewġi ħalliena kmieni wisq, qed ingawdi l-imħabba tagħhom u taċ-ċkejknin tagħhom. U inti.....? Issa qed narak minn bejn il-purtiera tal-*ward* u jkolli nistqarr li, għalkemm rieqed, ma nistax naqla' għajnejja minn fuqek. Tgħid fuq min qed toħlom? Tgħid għadek tiftakarni?

Kemm-il darba rajtek fuq it-televiżjoni. Dejjem bil-kolonni tal-Qorti warajk. Jintervistawk meta jkun hemm xi kas importanti! Min jaf kemm huma kburin bik tal-familja. Wara kollox inti komplejt tkabbar l-isem prestiġjuż tagħhom! Smajt li qatt ma żżewwiġt. Imma min jaf kemm għandek ammiraturi.... ma jistax jonqos. Ix-*shift* tiegħi wasal biex jispiċċa u għalhekk mhux se nkun hawn xħin tqum u jiġu tal-familja jarawk. Min jaf jekk iħallukx ġurnata oħra hawn? Forsi jien jerga' jmissni s*hift* hawn....min jaf....tgħid għada nagħmel kuraġġ u niġi nkellmek?

Jekk le, fejqan ta' malajr, għażiż.

Tanya Debono 2021